MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-17 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 566/2011

**Citadel Insurance p.l.c (C 21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Joseph Micallef (ID 437279M) u l-istess Joseph Micallef**

**vs**

**Transport Malta u b'degriet ta' dan it-Tribunal ta' nhar it-22 ta' Marzu 2012 giet chiamata in causa is-Socjeta' Malta Industrial Parks Ltd.**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ il-Kumpanija Assikuratrici Attrici u l-assikurat taghha Joseph Micallef jitolbu minghand Transport Malta, Socjeta' Konvenuta, s-somma ta' erba' mija, tnejn u sebghin Ewro hamsa u disghin centezmi (€472.95c) ghal danni gejjin minn incident stradali fil-Qasam Industrijali ta' San Gwann fit-18 ta' Frar 2009 meta l-vettura nru JOE 818 ta' Micallef dahlet f'hofra u sofriet hsarat. Ir-RISPOSTA ta' Transport Malta kienet li l-pretensjonijiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt. Fuq talba ta' Transport Malta, b'degriet tat-22 ta' Marzu 2012 **issejjhet fil-kawza** l-Malta Industrial Parks Ltd u din **eccepiet** hekk:-

i. Nuqqas ta' gurisdizzjoni *ratione materiae.*
ii. Preskrizzjoni *ai termini* tal-art 2153 tal-Kodici Civili.

iii. It-talbiet kif postulati ma jistghux jintlaqghu fil-konfront taghha.
iv. Is-Socjeta' msejjha mhiex responsabbli ghal dik it-triq.
v. It-talbiet infondati fil-fatt u fid-dritt.

Fl-udjenza tat-22 ta' novembru 2012 il-partijiet qablu li tinghata sentenza wahda fuq kollox.

II PROVI

1. Dawn li gejjin huma biss siltiet mill-provi, li ghandhom jitqiesu fuq il-bqija li hemm fil-process.

2. **Emanuel Micallef**, *Senior Claims Manager* ma Citadel esibixxa zewg ritratti Dok MM1 u 2 fejn gara l-incident, fejn hemm il-fabbrika Foster Clarks. Tidher il-hofra fit-triq. Esibixxa korrispondenza ma TM, Kunsill Lokali San Gwann u Malta Industrial Parks Dok MM3-5 – ara *fol* 22 *et seq*. hHuma hallsu skond *survey report*.

3. **Il-Perit Noel Gauci** ghal Transport Malta qal li huma responsabbli mit-toroq arterjali u distributorji u li t-toroq fejn gara l-incident mhumhiex taht TM. Fir-rigward irrifera ghal Dok NG1-2 *a fol* 32 *et seq*, ghar-ritratti *a fol* 22-23. Il-ligi ma tindikax liema toroq huma arterjali u distributorji izda huma jimxu fuq li "structure plan" indikat bhala Dok NG1. Jghid li t-triq in kwistjoni taqa taht Malta Industrial Parks u anqas taht il-Kunsill Lokali.

4. **Nicholas Baldacchino**, *Legal Support Manager* ma TM esebixxa dok NB – NB2 (*a fol* 61 *et seq*) b'zieda (anke xi ripetizzjoni) ma dak li esebixxa l-Perit Gauci.

5. Meta raga xehed semma t-tfittxija li ghamel. Irrizultalu li waqt li l-incident sehh fl-2009 kien fid-29/1/2011 li Malta Enterprise talbet li jsiru xi xoghlijiet f'dik it-triq fejn sehh l-incident u dan sar. Hawn hu kompla biex ta dettalji dwar xoghlijiet li saru (wicc gdid) – ghalkemm ma kienetx responabilta' ta' TM

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. L-incident li minnu originat talba ghal hlas ta' danni kien jikkoncerna vettura. L-istess incident sata gara lil "pedestrian", lil xi ziemel bi bniedem riekeb fuq id-dahar, lil xi karettun migbud minn bhima, xi karozzin. Dan l-incident ma jinkwadrax ruhu f'incident tat-traffiku veru u propju li ghalih hemm ligijiet u regolament *ad hoc*. Hu kas ta' danni allegatament gejjin minn nuqqas ta' xihadd liema xenarju jinvesti lit-TRIBUNAL bil-gurisdizzjoni li jisma u jiddeciedi l-kas. Ghalekk l-ewwel eccezzjoni ta' Malta Industrial Parks Ltd hi **michuda**.

2. Dan hu kas semplici ta' talba ghal hlas ta' danni fl-ammont ta' erba' mija, tnejn u sebghin Ewro hamsa u disghin centezmi (€472.95c) fejn il-vittma ma

jirrizulta li kellu ebda nuqqas u hu kas li ma kellux jittawwal daqshekk. Anqas kellhom Transport Malta u Malta Industrial Parks Ltd jitfiexklu bejniethom, minkejja zewg differimenti bit-tama ta’ soluzzjoni bonarja.

3. Gwidat anke minn principji ta’ ekwita’ kif hu staturtorjament obbligat jaghmel, it-TRIBUNAL ihoss li l-Awtorita’ Konvenuta u s-Socjeta’ Imsejjha fil-Kawza ghandhom iwiegbu ugwalment, *in solidum* ghad-danni mgarrba mill-Atturi.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet kollha sew ta’ Transport Malta, Awtorita’ ghat-Transport f’Malta kif ukoll ta’ Malta Industrial Parks Limited (2) **jaccetta** t-Talba Attrici fil-konfront tal-Awtorita’ Konvenuta u tal-Kumpanija imsejjha fil-kawza u (3) **jikkundanna** lil dawn it-tnejn biex ihallsu nofs b’nofs bejniethom izda in solidum vis-à-vis l-Atturi l-*quantum* ta’ €472.95 u dana bl-imghax mit-30 ta’ Novembru 2011 sal-jum tal-pagament effettiv u (4) **jikkundannhom** ihallsu similment l-ispejjes tal-Kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------